MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2013

Avviz Numru. 104/2013

**Worldwide Import and Export Company Limited**
**(C 6622)**

**vs**

**Riviera Resort Limited**
**(C 23519)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-12 ta’ April 2013 fejn is-socjeta’ attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallasha s-somma ta’ tlett t’elef sebgha mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmienja u sittin centezmu (€3,727.68) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija lilha mibjugha u debitament ikkonsenjata.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-Ittra Ufficjali 526/13 datata 7 ta' Marzu 2013 w il-Mandat ta' Sekwestru 606/13 u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li hija ingunta in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lis-socjeta konvenuta fit-18 ta' April 2013

Rat illi, permezz ta' nota ipprezentata fir-registru fit-23 ta' April 2013, is-socjeta initmata ammettiet it-talbiet kif dedotti.

Illi fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2013 deher rapprezentant tas-socjeta' attrici izda hadd mis-socjeta intimata u l-kawza giet differita ghas-sentenza fuq ammissjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat in-nota ta' ammissjoni, issib li t-talba tal-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett t'elef sebgha mija u sebgha u ghoxrin Euro u tmienja u sittin centezmu (€3,727.68) rapprezentanti bilanc kif ahjar deskritt fl-avviz flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' April 2013 sal-jum tal-pagament effettiv ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------